225. L-**Onor Marie Louise Coleiro u l-Onor Joe Mizzi** jippropronu -

Il-moventi ta' din il-mozzjoni jiddikjaraw li peress li:

l-Gvern Nazzjonalista żied is-*surcharge* fuq il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma minn 17% għal 55% u peress li minkejja li l-Oppożizzjoni Laburista ressqet *computations* oħrajn biex tipprova li ż-żieda proposta hija waħda astronomika u li kienet se twaddab lil familji Maltin u Għawdxin, lis-*self-employed* iż-żgħar u lill-industrija u lin-negozju f'diffikulta', u l-Gvern ma ta l-ebda widen għal dan;

l-Gvern Nazzjonalista ma ppreżenta l-ebda *social impact assessment* fuq kategoriji differenti ta' nies, minkejja l-appelli ta' l-Oppożizzjoni Laburista;

issa bdew ħergin il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma bir-rata miżjuda ta' *surcharge*, jiġifieri 55%, u issa qed jidher ċar kemm din id-deċiżjoni tal-Gvern Nazzjonalista qed tħalli effetti finanzjarji u soċjali negattivi fuq il-poplu Malti u Għawdxi kollu kemm hu;

għadd sostanzjali ta' familji, anzjani u individwi oħra ma jaqgħux parti mit-13,000 familja li l-Gvern qal li se jkunu eżenti minn din it-taxxa; u

d-deċiżjoni tal-Gvern hija ta' piż esaġerat għal tant familji, ħafna qed jaqgħu lura u wħud qed jaqgħu aktar u aktar fir-riskju tal-faqar; u peress li din l-istess deċiżjoni qed tkun ta' piż qawwi fuq in-negozju u l-industrija qed tipperikola għadd ta' impjiegi;

Għaldaqstant il-moventi jinsistu li l-Gvern Nazzjonalista:

jersaq ‘il quddiem biex jerġa' jiftaħ id-diskuzzjoni kemm fil-Parlament kif ukoll ma' l-imsieħba soċjali kollha dwar dawn il-miżuri bil-għan li jagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni u l-effetti finanzjarji u soċjali tagħha;

jikkonsidra politika alternattiva għad-deċizjonijiet li ħa biex xorta jindirizza d-diffikultajiet ekonomiċi nazzjonali f'dan il-qasam; u

jieħu azzjoni biex tiġi rranġata mill-aktar fis din is-sitwazzjoni biex il-qagħda ta' dawk li l-aktar qed jitgħafġu minn dawn il-miżuri tiġi ameljorata mill-ewwel.

20.2.06